# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 14 ta' Gunju 2017

Rikors Guramentat Nru. 238 / 15RGM

Kawza fil-lista: 12

**S V nee` D**
**vs**
**A V**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet zzewgu fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fir-Registru Pubbliku ta' Malta, gewwa l-Belt Valletta, kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg;

2. Illi minn dan iz-zwieg, il-kontendenti ma kellhomx tfal.

3. Illi l-kunsens tal-attrici kien vizziat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi ghalkemm ma kinitx interdetta jew marida b'mohhha, ma kellhiex fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew

ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg, ai termini tal-Artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-kontendenti ccelebrat fis-sebgha (7) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013) fir-Registru Pubbliku ta' Malta, gewwa l-Belt Valletta null u bla effett, kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-attrici tal-5 ta' April 2016 (fol 11) li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess.

Rat il-verbal tal-udjenza tas-6 ta' April 2016 li fiha nnominat lil Dr Kenneth Gulia sabiex jisma` t-testimonjanza tal-Psikjatra Giorgio.

Rat ix-xhieda tal-psikjatra Jean Pierre Giorgio li xehed waqt is-seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju tat-18 ta' Mejju 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici (fol 34).

Rat li ghalkemm debitament notifikat, il-konvenut baqa` kontumaci f'dawn il-proceduri.

Rat il-provi, l-atti u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

**PROVI**

L-**attrici** tixhed bil-mezz tal-affidavit u tghid hekk:

*"Jiena z-zghira minn zewgt ulied. Ghandi hija akbar minni illi jbati minn severe autism. Ilu aktar minn hames snin gewwa residenza specjalizzata minhabba li mbuwiex fi stat illi jghix id-dar minhabba il-bzonnijiet kostanti mentali tieghu. Diversi drabi kellu jigi rikoverat gewwa l-iSptar Monte Carmeli.*

*Ghal din ir-raguni minn eta tenera ta' spiss hafna kont nispicca wahdi u infendi ghall- rasi minhabba illi gustament hija kien jirrikjedi attenzjoni kostanti.*

*Trabbejt f'atmosfera xejn rilassata minhabba l-kundizzjoni ta' hija Joseph. Dan ghaliex kellna naddattaw il-hajja familjari taghna skond l-istat illi kien ikun fih, hija minn zmien ghal zmien. Per ezempju, hija mhux l-ewwel darba illi konna nghixu d-dar bil-bibien kollha msakkrin, u ngorru c-cwievet ta' kull kamra mad-dar, minhabba illi Joseph kien ikollu xi ossessjoni biex ikisser it-televisions kollha li kien jsib quddiemu. Din ma gratx darba biss. ghalhekk skond il-fazi li kien jkun ghaddej minnha abna kellna naddattaw l-istil ta' hajja.*

*Nista nghid illi jien trabbejt prattikament minghajr ma rcevejt affett u mhabba, mhux biex nikkundanna lill-genituri tieghi, anzi, kellhom salib kbir illi refghu b'dinjita u sagrificcju. Il-verita hi illi l-genituri tieghi ta' hamsin sena kienu diga xjahu u ghajjew ghax b'hija aktar ma beda jikber aktar ma kellhom jagixxu daqslikieku qed irabbu tarbija. Lanqas ma kien jinhasel, jew jizvolgi l-bzonnijiet bazici tieghu. Ma kienx jqaxxar il-lehja, jahsel xaghru, jilbes, jew johrog mid-dar wahdu.*

*Jien kont inhossni wahdi hafna u minkejja illi kont nifhem il-pozizzjoni tal-genituri tieghi, nghid illi kont nibki ghal xi hadd li jigi jilghab mieghi jew xi hadd li jghannaqni. Kont prattikament wahdi. Kont imdejqa hafna. Ma nistax niftakar mument felici. Anki fil-Milied lanqas konna nzejnu jew narmaw Xmas tree ghax hija kien jinfexx fiha. Meta kont teenager hassejt illi fl-abbar stajt nsib xi hadd u nidhol f'relazzjoni ta' imbabba, u fl-abbar nitlaq mid-dar illi ghalija kien post ta' dwejjaq u restrizzjonijiet. Kont bdejt nebodha kontra hija izda mbaghad kont inhossni iddispjacuta ghax kont ninduna illi huwa ma kellux tort jagixxi b' dak il-mod. L-istat emottiv tieghi kien ikun wiehed ta' estremitjiet. Kelli rabja ghax minhabba hija jiena spiccajt iccahhadt minn hafna tul hajti, u mill-banda l-ohra kont nghaddi minn krizijiet ta' guilt minhabba dawn l-emozzjonijiet tieghi fil-konfront ta' hija.*

*Ta' xi hmistax-il sena kelli l-ewwel boyfriend u domt mieghu xahrejn. Din l-esperjenza dewwqitni t-toghma tal-liberta' u tgawdija; li naghzel x'naghmel u ma naghmilx; li nitlaq jekk idejjaqni - ghall-kontrarju ta' kif kont nghix id-dar. Hassejt illi kien hemm xi hadd iffissat fija. Din ir-relazzjoni mbaghad sfaxxat fix-xejn bhal maggoranza tar- relazzjonijiet bejn persuni ta' dik l-eta'.*

*Biz-zmien bdejt inhossni f'salib it-toroq ghax minn banda wahda kelli kilba ghall-imhabba u mill-banda l-ohra minkejja illi kont nitfa hafna effort f'kull relazzjoni li kelli, tant kont drajt dejjem wahdi illi bdejt inhossni skomda f'relazzjoni impenjattiva. Dan beda johloq kunflitt gewwa fija.*

*Spiss kelli relazzjonijiet imma rari kont nibqa' fit-tul maghhom ghax kont inhoss illi l-imhabba spiccat. Ma kontx nehodha daqshekk bi kbira ghax wara kollox kont nerga' nispicca wahdi - xejn gdid ghalija, wara li ghamilt tfuliti kollha hekk.*

*Ta' xi ghoxrin sena bdejt inhossni ghaddejja minn tibdil. Kont qed inhossni ghajjiena u bla hegga. Kont tlift is-self esteem u kull haga illi kont nidhol ghalija dejjem kien ikolli l-biza illi ser infalli, kif fil-fatt kien jigri. Minkejja li kelli hbieb, ma kienux jifhmu dak li kont ghaddejja minnu. Bdejt inhossni maqtuha minn kollox u kulhadd u ma ridt naf b'xejn u hadd.*

*Dak il-perjodu kont anki bdejt immur hazin fl-ezamijiet ta' l-Univeristа. Ma kontx naghmel effort ghax kont inhoss illi ghal xejn - xorta kont ser infalli. Anki mill-lat sentimentali, kont qtajt minn mal-boyfriend.*

*Kont iddisprata biex nitlaq mid-dar u mmur nghix wahdi izda ma kellix flus biex naghmel dan u ma tlabtx ghajnuna finanzjarja mill-genituri ghax ma ridtx inweggaghhom. Hassejtni trapped u frustrata u kwazi kwazi kkundannata nghix fil- habs tad-dar taghna. Hija intant baqa jaqleb ghall-aghar tant illi numru ta' snin wara ommi u missieri ma setghux jlahhqu mal-bzonnijiet tieghu u kellu jmur home. Ftit wara jiena tlaqt nghix ma' Chris, fejn ghamilna sentejn nghixu taht l-istess saqaf.*

*Iltqajt mieghu permezz ta' hbieb komuni u qbadna nikkomunikaw bl-emails ghal xahrejn. Bdejt niddejjeq b'din ir-'relazzjoni', u donnu kien qed jittratjeni biex jiehu l-ewwel pass. Fl-ahhar talabni nohorgu ghal date, u minn hemm bdejna niffrekwentaw lil xulxin b'mod regolari. Kont narah bhala persuna interessanti u differenti minn haddiehor. Kien riservat, organizzat u intelligenti. Minkejja illi kont ghadni qed inhossni stramba, hassejt li kont lesta niehu pass ghal relazzjoni wara zmien pjuttost twil ridt noqghod wahdi. Fi Chris hassejtni aljenata minn dak kollu li kont ghaddejja minnu ghal numru ta' snin, u fl-ewwel xhur hassejt li kollox kien miexi ward u zahar; tant illi wara ftit xhur dhalt nghix mieghu.*

*L-ewwel xahrejn taht l-istess saqaf kienu sbieh ghax kont qed nghix esperjenza gdida li ghal mument nessietni minn kif kont qed inhossni. Gara illi din in-novita' ma tantx damet taljenani ghax wara l-eghluq ta' xahrejn bdejt inhossni nizloq lura.*

*Bdejt ninnota hafna problemi fir-relazzjoni taghna, pero ghamilt minn kollox biex nibqghu flimkien. Bdejt nhossni li xbajt nfalli f'kull relazzjoni li nkun fiha u webbist rasi sabiex dir-relazzjoni ngieghlha tahdem. Mohhi beda jghidli li jekk ma nirnexxix ma' Chris, mhu ha nirnexxi ma' hadd iktar. Meta mohhi kien beda jghidli li r-relazzjoni mhux sejra tajjeb, kien hemm parti ohra li bdiet twahhal f'affarijiet ohra. Ezempju l-istress qawwi li kelli fuq ix-xoghol u l-ambjent li kont mxejt fih meta bdejt nghix flimkien ma' Chris gewwa Haz-Zabbar. Chris kien joffri ambjent li kien familjari hafna ghalija - ambjent b hafna ristrizzjonijiet u regoli. Kull haga god-dar li tirrikjedi hoss biex tahdem kelli nsaqsi lilu l-ewwel*

*qabel nixghalha - anke jekk ikun fuq sular different minn fejn qieghed hu. Dawn l-affarijiet jinkludu magna tal-hasil tal-hwejjeg, microwave, blender, muzika u television. Hu kien sensittiv hafna anke jekk kont naghlaq il-bibien jew naghmel volum kemm kemm jinstema, kien jigi igergirli wara u jghidli li jien ma nirrispettahx jew ma nhobbux. Filwaqt li l-bzonnijiet tieghu kont narhom estremi, dejjem kont inzomm f' mohhi dak li kien ghallmuni, u cioe' li meta tkun tghix ma' xi hadd trid taghmel sagrificcju. Kont nhossni ghal darb'ohra go habs u mimlija ansjeta fuq kull haga li naghmel. Spiccajt nibza ndur fis-sodda bil-lejl jew nisghol jew naghtas, ghax jekk nqajmu mil-irqad, kien jaghmel storja u jakkuzani li qieghda naghmel hekk apposta. Minkejja illi l-hajja bdiet issir insopportabbli jiena bqajt nghix mieghu. Minkejja kont nghid Ii ahjar ma' Chris milli lura d-dar t'ommi u missieri, xorta wahda l-ambjent li kont qed nghix fih ma Chris kien wiehed illi kien qed jaghmnilli l-hsara. Kont inqum u norqod b'ansjeta' u dwejjaq kbar, li aktar ma jmur aktar jizdiedu.*

*Din l-istorja damet ghaddejja ghal zmien relattivament twil u hu qatt ma kien lest jaghmel xi forma ta' kompromess - dejjem jghidli li jiena dmiri li ma nhalliehx ihossu skomdu, u jimplika li ghandi ncedi d-dritt tieghi li jien nhossni komda gol-post fejn qieghda noqghod biex ma nikkawzalux skumdita'. Il-bzonnijiet tieghi la kien jqishom u wisq anqas jirrispettahom. Din is-sitwazzjoni bdiet twassalni biex nhossni nitlef il- kunfidenza fija nnifsi, u biz-zmien ir-relazzjoni sesswali wkoll bdiet tiddeterjora hafna. Ma kont nhoss l-ebda gibda fizika lejh u qatt ma kien ikolli aptit ta' xejn. Tul is-sentejn li domna nghixu flimkien qabel izewwigna bdejt nhossni sejra lura hafna - affarijiet li qabel kont veru niehu gost naghmilhom, ma kont qieghda nhoss l-ebda sentiment ta' pjacir. Jigu weekends u jghaddu, u jien sempliciment kien ikolli aptit noqghod gewwa go kamra maghluqa wahdi. Gieli kont nkun qieghda nsuq id-dar fid-dlam u meta kont nkun ghaddejja minn xi flyover idi kienet tikolni biex ndawwar l-isteering halli niddevja u nsuq ghal isfel. Ridt nahrab mill-hajja, ridt norqod u ma nqumx iktar.Lil Chris kont niftah qalbi mieghu fuq dawn l-affarijiet - imma t-tnejn Ii ahna konna nwahhlu fix-xoghol fejn veru kont nhossni mdejqa - kif ukoll l-ambjent xejn pjacevoli ta' fejn konna nghixu go Haz-Zabbar.*

*Kien bejn wiehed u iehor tul dan iz-zmien li iddecidejna li nizzewgu. Chris u jien konna ftehma li malli nizzewgu immorru Franza ghal ftit zmien ghax hu kellu xi xoghol x'jaghmel hemmhekk, fejn jiena nkun nista nieqaf mix-xoghol ghal ftit zmien u forsi anke nahdem fuq business idea li kelli, u konna ghedna kif nigu lura nibdew nduru biex nixtru post flimkien, u hu jbiegh il-post tieghu gewwa Haz-Zabbar.*

*Jlen bdejt nittama hafna li meta jsiru dawn it-tibdiliet, hajti kienet ha tinbidel u kont ser nibda nara kollox minn lenti aktar pozittiva. Tlaqt mix-xoghol, u*

*ghalkemm ma ddispjacinix li tlaqt, mhux li ghamlet xi differenza kbira. Hemmhekk indunajt illi l-problema ma kienetx ix-xoghol.*

*Niftakar il-weekend ta' wara li irrizenjajt jien u Chris konna morna weekend break flimkien, u tant kien qieghed ikolli hsibijiet koroh li hekk kif norqod hlief holm ikrah ma kienx ikolli - u meta nqum u ma nkunx nista norqod nibza mill-futur u parti go fija kienet qieghda tghidli li qieghda nizbalja fl-ghazliet tieghi. Lil Chris kont nipprova niftah qalbi mieghu imma gieli kien igergirli ghax nqajmu bil-lejl meta ma nkunx nista norqod, allura kont mort fuq is-sufan wahdi. Hassejtni kont qeghda niggennen.*

*Meta kont nahseb fiz-zwieg kont nhossni veru passiva - meta konna gejna ghal preparazzjoni ma kien ikolli aptit naghmel xejn - la fjuri, la libsa ecc. Maz-zmien id- dwejjaq profondi li kont nhoss beda jsir iktar out of control imma kont naghmel minn kollox biex nahbi s-sentimenti tieghi.*

*Sa ftit gimghat qabel izewwigt kont qieghda nikkunsidra bl-akbar serjeta' biex nikkancella t-tieg u mmur lura d-dar t'ommi, ghax aktar ma bdejt nahseb fuq iz-zwieg aktar bdejt nikkonvinci rulii illi kont qed naghmel zball enormi. Pero', minhabba l-istat emottiv u psikologiku tieghi hassejtni naqta' qalbi milli naghmel dan il-move - li nippakkja kollox, ngib il-movers etc. Ma kontx niflah ghall-istress ta' dik il-move, u ma kellix energija nindirizza din is-sitwazzjoni illi wara kollox kienet ser tkun is-soluzzjoni l- aktar ghaqlija. Kien ghalhekk, illi komplejt ghaddejja bil-preparazzjoni sakemm fl- ahhar izzewwigna fis-7 ta' Gunju 2013. Ippreferejt ma naqblix pjanijiet u nibqghu ghaddejjin bit-tieg, milli nghaddi minn dak I -ordeal kollu illi bzajt illi kien ser jkompli jkissirni. Kont bla sahba u lesta naccetta kollox diment ma nidholx f'sitwazzjonijiet li kienu ser jinvolvu tibdil fid-direzzjoni.*

*Il-gurnata tat-tieg giet u ghaddiet qisba ghaddiet gurnata fejn kellha ssir xi haga diga ppjanata ghal zmien. It-tieg ma fisser xejn ghalija, u ma hassejt illi dak il-jum kien b'xi mod wiehed specjali. Ma hassejtnix differenti fuq ir-relazzjoni, madanakollu bdejt nittama li kif mmorru Franza jkolli bidla fl-ambjent u nibda nhossni ahjar.*

*Tul it-tliet xhur li ghamilna Franza, minn Lulju 2013 sa Ottubru 2013 bdejt nhossni f'panic kbir - xi haga go fija kienet qieghda tghidli illi ghamilt l-ikbar zball ta' hajti li zzewwigt lil Chris. Kont niftakar fil-firma li ghamilt dakinhar li fuq id-dokument taz- zwieg - hassejtni qisni iffirmajt ghall-kundanna tieghi, fejn intrabatt ghal hajja li mhux worth it li tghix. Bdejt nhossni li dhalt go nassa li ma nistax nohrog minna. U l-aghar haga kienet il-hsieb li wara li zzewwigt quddiem nies li tant nhobb u nirrispetta, issa ma nistax nerga lura mill-izball ghax zgur mhux ba jaccettawha u ba nidher ridikola u banali. Kont niskanta kif in-nies*

*ikunu daqshekk mimlijin hajja u kuntenti, filwaqt jien ma kelli aptit ta' xejn u ta' hadd - kont nahseb li ghandi xi haga stramba la n-nies normalment meta jizzewgu jkunu jidhru daqshekk kuntenti.*

*Meta konna wasalna qrib biex nigu lura f'Ottubru 2013, kont iltqajt ma' artiklu miktub minn babibti - dan l-artiklu kien jitratta l-esperjenza taghha meta kienet tbati minn depression. Hi kienet deskrittiva hafna fuq x'kienu s-sintomi - u bdejt ninduna li veru hemm hafna feelings komuni bejn dak li kienet thoss bi ghal dak li kont qieghda nhoss jiena. Mort kelimtha mal-ewwel u tatni l-contact ta' Dr Jean Pierre Giorgio. Wara li qrajt l-artiklu kont mhassba sew - u bdejt ntella u nnizzel ncempilx ghal appuntament. Tliet ijiem wara cempilt u inghatajt appuntament ghal xahrejn wara. Kont mbezza hafna li mmur imma fl-istess bin kont ferhana li seta' kien hemm spjegazzjoni ghal dak kollu li kont qieghda nhoss ghal tul ta' zmien.*

*Wara li kelli l-ewwel appuntament ma' Dr Jean Pierre Giorgio fil-11 ta' Novembru 2013, gejt diagnosed b'untreated depression - u minn hemm bdejt niehu l-kura ghaliha. Kien f'dak il-perjodu li fehmni illi d-depression kien ilu fuqi. ghalhekk bdejt nifhem ghaliex kont dejjem inkun ghajjiena; dawk l-affarijiet illi suppost kellhom jaghtuni l-pjacir bdew idejquni u jqabbduni d-dwejjaq, ma kont inkun looking forward ghal xejn. Ma domniex biex sibna medicina li kienet taqbel mieghi - bdejt il-kura permezz ta' antidepressants kif ukoll pilloli obra ghal meta jtini attack ta' ansjeta'2. Tul dak iz-zmien ukoll kont bdejt mmur ghal interviews u sibt xoghol gdid.*

*Kollox kien jinhass iebes u qisni qieghda niggieled kontra l-kurrent. Imma meta nibda nara s-swidija gejja kont niftakar li jiena qieghda naghmel mill-ahjar li nista biex nirranga s-sitwazzjoni li kont qieghda fiha, u ma stajtx naghmel iktar minn hekk. Fl- istess hin ta' spiss kont nhoss li dak li qieghda naghmel huwa ghalxejn, ma setax igibni aghar milli kont qieghda nhossni. Il-burdati tieghi kienu jbatu minn swings. Kultant posittivi izda ta' spiss kienu jkunu negattivi.*

*Sadanittant bdejna nfittxu biex nbieghu d-dar ta' Chris go Haz-Zabbar filwaqt li nfittxu ghal post gdid. Dan l-ezercizzju kien ta' stress kbir u kont inhossni ppanikkjata hafna illi t-timing ma kienx ser jrnexxi. Aktar minn hekk, hassejtni qisni diehla go hajt ghax filwaqt li kont aljenata bit-tfittix ta' dar gdida fl-istess bin kont konsapevoli tal-fatt illi bejni u bejn Chris kien hemm vojt enormi. Ir-relazzjoni taghna hassejtha maqtugha mir- realta li konna qed nghixu. Donnu dejjem ghat-telgha nistinkaw kif ser nsolvi u nindirizzaw id-differenzi li kien bemm bejnietna.*

*Kont qieghda nara kollox bi kbir. Aktar kont inhossni bla sahha u bla hegga aktar kien jivvinta. Kien iddecieda li ngorru kollox bil-karozzi taghna minflok ma ngibu*

*l-movers. Kien jippretendi illi kelli mmidd idejja daqsu. L-istress beda jizdied sew - kelli nippakja u xi kultant anke ngorr l-affarijiet tieghi sal-karozza. Dan kien veru jiebu fit-tul peress li konna nghixu go sqaq fejn ma tistax tidhol b'vettura.*

*Apparti minn hekk id-dar il-gdida gewwa in-Naxxar kellha xi xoghol li kellu jsir qabel nidhlu. Kont nipprova nhares lejn il-fatt li ser nidhlu f'post gdid bhala haga pozittiva imma d-dwejjaq li kelli kien jeghleb kull sforz ta' tama fija nnifsi. Ghalkemm saru hafna bidliet u xoghol gdid apparti l-move fih innifsu, din l-esperjenza kienet iebsa hafna ghalija. Chris kien ta' sikwit jakkuzani li minix nahdem bizzejjed u li hu jaghmel hafna xoghol iktar minni. Kont nhossni mdejqa meta kien jitkellem hekk u dan ghaliex kien jaf li ghalija kienet iebsa hafna li ghaddejja mis-sitwazzjoni li kont ghaddejja. Kien jaf ezattament illi kont qed nigi kurata ghal dipressjoni. Kont nhoss li naghmel x'naghmel, anke l-ftit ma setax jigi apprezzat, ghax fil-fehma tieghu ix-xoghol li jaghmel hu kien ferm iktar importanti u ta' valur a paragon ma' dak li kont naghmel jien, minkejja dak li kont ghaddejja minnu.*

*Fl-ahhar bdejna nissetiljaw in-Naxxar - jien wara l-kedda tal-move kont nhossni bla energija ta' xejn; aktar minn qabel. Id-dar li konna ghazilna kienet qieghda fuq 3 sulari ghalkemm jien xtaqt kollox livell wiehed ghal pratticita. Dan ghamilnieh minhabba li Chris kien sensittiv hafna ghall-istorbju, biex b'hekk ikun jista 'jahrab' fuq sular iehor jekk idejqu l-istorbju. Domt hafna nhossni ghajjiena mentalment wara l-move gewwa d-dar il-gdida.*

*Tul daz-zmien kollu, mill-hajja ta' Haz-Zabbar sa meta bdejna bil-mod il-mod nissetiljaw in-Naxxar, ir-relazzjoni sesswali bejni u bejn Chris baqat qatt ma hadet ir-ruh. Fil-ftit drabi meta konna nkunu qieghdin naghmlu s-sess, fuq insistenza tieghu, kien ikolli genn sakemm jispicca kollox u naghmel xi haga ohra, mohhi ma kienx ikun hemm.*

*Chris fl-ahhar mill-ahhar beda jixba - fil-bidu ta' 2015 qalli li jixtieq li mmorru ghand counsellor flimkien ghax ghalih kienet problema kbira din tan-nuqqas ta' sess. Kien ukoll qalli li ma jridx tfal mieghi sakemm ma jidhirlu li r-rata ta' sess tkun sodisfacenti ghalih.*

*Fi Frar ta' 2015, kelli ahbar tajba hafna minn Dr. Jean Pierre Giorgio li kont hrigt mill- fazi tad-depression u stajt nwaqqaf il-pilloli gradwalment. Fl-ahhar bdejt nara hafna pozittiv f'hajti u bilmod ir-realta li tant kont ghajjiena wisq biex nara quddiemi, bdiet ticcara. Il-problemi tas-sess u tar-relazzjoni tieghi ma' Chris bqajt narhom l-istess - u issa kienet iktar inkwetanti l-affari ghax ma stajtx nwahhal iktar fid-depression. U laqqas fl-ambjent jew fil-post ta' htaz-Zabbar. Kulma kien ghad fadal kien ix-xoghol, fejn l-istress kien jeskala ma' kull gurnata li tghaddi. Bhalma zdiedet il-hegga biex nsib post fejn veru nkun kuntenta u*

*naghmel ir-ricerka biex nimxi x'imkien ahjar, zdiedu wkoll id-dozi ta' realta minn dak li bdejt nosserva madwari.*

*Bdejna mmorru ghand il-counsellor - u ghalkemm tatna hafna insights fuq xiex stajna nahdmu, Chris kien dejjem bl-attitudni li jiena ghandi hafna problemi, u sakemm mhux ha naghmel iktar sess mieghu, mhux ha tissolva l-affari. Bdew hergin hafna affarijiet li ghalkemm deep down mohhi kien dejjem josservahom, dejjem kont wisq ghamja biex narhom. Jew ahjar, dejjem kien ikolli skuza lesta biex nghattiehom.*

*F'Lulju 2015, biddilt xoghli, fejn ghadni nahdem sal-lum il-gurnata u ninsab kuntenta hafna. Bil-mod il-mod ghalaqt hafna affarijiet li kienu problematici f'hajti, u li kont qieghda bla ma kont naf nuzahom bhala scapegoat tul id-depression tieghi. Id- depression giet tackled, ix-xoghol biddiltu ghal dak li dejjem xtaqt, pero ghalkemm hajti qalbet ghal pozittiv, xorta kont nhoss haga tigbidni l-isfel - ir-relazzjoni tieghi ma' Chris. Bdejt ninduna fuq x'gara meta kont iddecidejt li nizzewgu u bdejt nippanikja ghal hsieb li rrid nqatta hajti ma' bniedem li ghazilt li nizzewgu sempliciment ghax kont dghajfa sforz id-depression, u li ma kellix is-sahha u l-kuragg niehu d-decizjoni li naqta' minn mieghu. Pruvajt nahdem fuqi nnifsi u fuq ir-relazzjoni taghna fuq il-pariri veru tajbin li tatna l-counsellor, izda fl-ahhar mill-ahhar ndunajt li dal-bniedem ma kont nhoss xejn iktar hlief hbiberija lejh u kont ili nfiossni hekk lejh zmien twil. U iktar ma jghaddi z-zmien iktar kont nhossu 'room mate' tieghi milli habib. Il-pariri li tatna kienu japplikaw ghal koppji li tassew kienu ihobbu l-xulxin, mhux f'relazzjoni li kienet ilha li missha spiccat zmien twil.*

*Kont ta' sikwit niffantasizza kif tkun il-hajja kieku nghix ghal rasi - u rrealizzajt li fl-ahha mil-ahhar hekk xtaqt. Li nieqaf minn ma' Chris kienet l-unika tama ghalija li nkun kuntenta f'hajti u ma nergax naffacja d-depression b'mod kroniku. Jien gejja mil- kultura fejn li ttemm zwieg mhux xi haga to be taken lightly u ghal dir-raguni ma kienetx facli li fl-abbar niddeciedi li nitlaq. Pero wara t-tbatija kollha li affacjajt tul dan l-abbar snin, ndunajt li sabbti u l-kuntentizza tieghi ghandhom jigu l-ewwel, qabel tradizzjonijiet u qabel dak li jahseb haddiebor. Ma ridtx nerga naqa f'depression u nhoss li qieghda nghix hajja li mhux worth it tghixha. Id -depression kienet nessietni min jiena: l-energija li jkolli, hegga lejn il-hobbies tieghi, I-entuzjazmu meta nkun mal- bbieb tieghi, 1-imbabba lejn il-hajja u hafna affarijiet ohra li jaghmluni dak li jiena llum.*

*Allura mhux ta' b'xejn, minn Settembru 2015, meta ghedt lil Chris li nixtieq li nisseparaw sal-lum, nhossni qisni kelli sentenza ta' habs li kont mistennija li nhallas sal- mewt u xi hadd gie qalli li hrigt illberata. Kull piz li kelli fuq qalbi u fuq mohhi issa telaq - ghax issa naf li ghandi cans li jixraq lil kulhadd, cans li nghix hajja fejn nkun kuntenta.*

*Issa ninduna illi l-vizjoni tal-hajja hija cara ghall-kuntrarju ta' kif kienet qabel. Sfortunatament ma kontx f'sensija u ma stajtx niehu decizjoni tajba, kemm oggettivament, kif ukoll suggettivament. Kieku qabel zzewwigt kont niflah kif niflah illum, zgur illi kont intajjar kollox barra mit-tieqa u nhassar it-tieg, ghax dik kellha tkun id-decizjoni li suppost itiehdet. Pero', ma kontx f'sikti, u ma kellix sahha nikkumbatti mentalment u emottivament; ppreferejt nintelaq u nimxi mal-kurrent avolja kont naf illi li kont qed naghmel ma kien tajjeb xejn, u li kont qed naghmlu ghar-raguni li semmejt. Meta nhares lura lejn dak iz-zmien nara biss dlam u dwejjaq.*

*Kont trapped fid-dwejjaq tieghi li ma ppermettilix nara lil hinn minn kemm kelli energija biex nikkumbatti sitwazzjoni li kelli quddiemi f'dak il-mument partikolari."*

Il-**Psikjatra Jean Pierre Giorgio** jixhed viva voce u jghid fost affarijiet ohra illi l-attrici kienet kienet pazjenta tieghu u marret l-ewwel darba ghandi fil-11 ta' Novembru 2013 u baqa` jassistiha sa 21 ta' Marzu 2015. Jghid li kellha sintomi ta' depression li kienu ilhom hemm ghal certi snin. Huha ibati bl-awtizmu u din tkun affettwatha xi daqxejn fil-familja. Jghid li ghamlet xi tmien xhur tmur ghal *psychotherapy* pero` ma bdiet tasal imkien u fl-ahhar accettat li tmur ghand psikjatra u accettat kura bil-medicini. Jghid li l-medicina li taha fil-bidu jidher li kienet sejra tajjeb biha izda f'Jannar regghet marret lura u f'Marzu biddlilha l-medicina. Jesebixxi l-medical notes Dok JPG u l-medical pyschiatric report li kiteb f'Settembru 2015 Dok JPG1. Hija giet *diagnosed* li qed tbati minn despressive disorder. Jghid li mill-istorja li bdiet ittih is-sintomi kienu ilhom ghal snin twal u fil-fatt fis-sena 2010 marret ghal psychotherapy session izda s-sintomi xorta baqghu hemm. Mistoqsi n-natura tad-disorder x'effett kellu fuq id-decision making process taghha jghid li s-sintomi tad-depression hija li l-persuna tkun il-hin kollu imdejqa jew il-gurnata kollha jew kuljum jew kwazi kuljum u tbati minn nuqqas ta' hegga, nuqqas ta' motivazzjoni, attenzjoni, koncentrazzjoni, u allura tista` jkollha problema biex tiehu certi decizjonijiet. Tkun persuna pessimista, negattiva u kultant jonqsu li jiehdu certu decizjonijiet ghax isibuha difficli li jaghmlu certu passi.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

Issegwi rassenja ta' gurisprudenza nostrana relevanti ghall-kaz in dizamina.

Fil-kawza fl-ismijiet **Anna Tonna vs Alexander Tonna** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru 1991 ntqal hekk:

*"...f'materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-zwieg annullabbli bl-iktar mod facli u espedjenti. .... Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat pero' dan ma ghandux ikun sabiex jkunu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubju."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Zammit vs Bernardette Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2006 intqal hekk:

*"Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha u cioe' li z-zwieg huwa null ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega."*

L-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-Artikoli 19(1)(d) u 19(1)(h) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. L-Artiklu 19(1)(d) jipprovdi illi z-zwieg ikun null jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ.

Dwar din il-kawzali inghad fil-kawza fl-ismijiet **Charles Atkins vs Matilde Atkins** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-2 ta' Lulju 2003:

*"Il-kuncett tad-'discretio judici' ma jirrekjedhiex maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cioe' ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cioe' dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett ta' diskrezzjoni tal-giudizzju kif rikjest mill-ligi....Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghamilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-drittijiet u ir-responsabiltajiet li jgib maghha l-hajja mizzewwga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom."*

Fil-kawza **Melanie Borg Cachia vs Joseph Borg** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis 26 ta' Ottubru 2000 ntqal:

*"Id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga."*

Fil-kawza **Alessandra sive Sandra McMonagale qabel Mamo vs Mario Mamo** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Ottubru 2000 ntqal inter alia s-segwenti:

*"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' giudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d) irid ikun hemm l-inkapacita psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrefletti u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Aktar recenti, f'sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Simon Cusens vs Romina Cusens** (140/10RGM) moghtija fit-12 ta' Frar 2016 li permezz taghha giet konfermata sentenza moghtija fil-prim' istanza intqal illi :-

*"40. In propozitu jinsab ritenut fil-kawza Appell Civili Josette Spiteri v George Spiteri [Vol.LXXXV.II.81] li fil-gurisprudenza patria jkun hemm difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b'mod sostanzjali, jew ahjar "gravi", minn dik il-fakolta' kritiko–estimattiva jew kritikovalutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta' diskrezzjoni ta' gudizzju [Prim'Awla Selina CVella Haber v. Joseph Gatt – 15.4.1996].*

*41. Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-Artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita` psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] (emfasis ta' din il-Qorti) jew konstituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali li tkun mahkuma minn impulsi nterni li "nehhewlha" l-liberta` tal-ghazla, li kienu determinanti ghal ghazla u mhux semplicement akkumpanjawha.*

*42. Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi pprovat sodisfacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta.*

*43. "In altri termini e' necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro." [Bersini - citat fil-kawza Prim'Awla Angela Spiteri Selvaggi v. Joseph Spiteri deciza 4.11.1994].L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta' unjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli diretta ghall-komunjoni ta' hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija tal-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. [Prim'Awla Charles Atkins v. Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

*...omissis...*

*46. Inoltre, jinsab ritenut fil-gurisprudenza li l-kuncett ta' maturita` affettiva li jimporta "generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi una mancanza di consenso libero [immaturita' affettiva] e ponderato [immaturita' di gudizio]" [Il Diritto Canonico Matrimoniale – Bersini; citat fil-kawza Appell Civili Raymond Theuma v. Carmen Theuma deciza 27 ta' Jannar 2006]."*

Ikkunsidrat;

Meta parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, dan mhux necessarjament jammonta ghal difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju li jwassal ghan-nullita` tal-kunsens. Izda meta parti tkun, fil-mument tal-kunsens, ipprivata mill-kapacita` li taghmel ghazla libera u tidhol b'mod konxju u liberu ghall-komunjoni ta' hajja u mhabba (*familiaris consortio*), allura hemmhekk jista` jissussti n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif trid il-ligi.

Mix-xhieda inkontestata tal-attrici jirrizulta illi din trabbiet f'ambjent li kien nieqes minn dik il-hajja familjari u affettiva illi tant tghin ghall-maturita` emotiva u stabbilita` fir-relazzjonijiet fl-istadju adulta tal-hajja. Il-genituri taghha kienu dejjem iffukati fuq huha l-kbir li jbati minn kundizzjoni psikologika serja u li jirrikjedi attenzjoni kontinwa u ghalhekk hija kienet forsi tgawdi biss mill-attenzjoni residwa li l-genituri taghha kien jibqalhom. Mix-xhieda taghha tohrog hafna s-solitudni u x-xewqa li tahrab minn dik il-hajja li kienet ghaliha biss fonti ta' dwejjaq u limitazjonijiet. Tispjega kif ir-relazzjonijiet mal-guvintur saru ghaliha mezz sabiex idduq il-liberta`, sabiex ikollha lil xi hadd li jtiha attenzjoni.

Anke fiz-zmien ta' konvivenza mal-konvenut qabel iz-zwieg, tghid li ghalkemm l-affarijiet ma bdewx imorru tajjeb, hija baqghet stagnata f'dik is-sitwazzjoni ghaliex kienet thoss li ahjar mieghu milli fl-ambjent tad-dar taghha. Jidher li dan kollu wassal lill-attrici sabiex hija tassew tkun nieqsa minn dik id-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex taghraf x'inhu z-zwieg, x'inhi l-hajja mizzewwga u x'drittijiet u obbligi din iggib maghha. Dan sehh ghal zewg ragunijiet principali, fl-ewwel lok ghaliex hija qatt ma rat fil-prattika dak li jinvolvi hajja matrimonjali u familjari normali, bil-mumenti difficli izda anki bil-mumenti sbieh u sani, in kwantu l-hajja familjari tal-familja kienet dejjem iddur mal-bzonnijiet u mal-kundizzjoni medika ta' huha, u fit-tieni lok ghaliex hija kienet tara z-zwieg mal-konvenut bhala kenn minn dak l-ambitu familjari li tant kien soffokanti ghaliha, u mhux bhala komunjoni ta' hajja u mhabba.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tikkonkludi illi l-kawzali imsejsa fuq l-Artikolu 19 1 (d) giet ippruvata.

Kawzali ohra tal-attrici hija msejsa fuq l-Artikolu 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta li jipprovdi illi zwieg huwa null jekk xi waħda mill-partijiet, għalkemm ma tkunx interdetta jew marida b’moħħha, ma kellhiex fiż-żmien li sar iż-żwieġ, ukoll minħabba raġuni temporanja, setgħat intelletwali jew ta’ rieda biżżejjed biex jinħoloq kunsens għaż-żwieġ.

Kif sehqet din il-Qorti fil-kawza bl-ismijiet **Joseph Busuttil vs Carmen Busuttil** deciza fit-22 ta' Settembru 2016:

*“…., sabiex jigi pruvat li z-zwieg bejn il-partijiet huwa null u bla effett ai termini ta’ dan l-Artikolu, kien jinkombi fuq l-attur li jipprova li fil-hin tal-kunsens, il-konvenuta ma setghetx taghti kunsens liberu u ma kellhiex rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg. <u>Huwa il-mument tal-kunsens li jiddetermina jekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwiex legalment null u bla effett jew le.”</u>* (sottolinear tal-Qorti]

Mix-xhieda tal-psikjatra Jean Pierre Giorgio u mid-dokumenti pprezentati minnu jirrizulta pacifiku illi l-attrici kienet tbati minn *depressive disorder* stabbilita klinikament u li kienet anke qeghdha tigi kkurata b'medicini appoziti. Huwa minnu illi l-psikjatra jixhed illi huwa beda jikkuraha f'Novembru 2013 meta l-partijiet kienu ga mizzewwgin[1] izda huwa minnu wkoll illi huwa jghid illi “*Kellha sintomi ta' depressjoni li kienu ilhom hemm ghal certi snin.*” Dan huwa korroborat ukoll mill-fatt illi kif qaltlu l-attrici stess, fis-sena 2010 hija kienet attendiet ghal xi sessjonijiet ta' psikoterapija izda s-sintomi xorta baqghu hemmhekk. Is-sintomi ta' depressjoni deskritti mill-psikjatra Giorgio, ossia dawk ta' dwejjaq, nuqqas ta'

1 Data taz-zwieg 7 ta' Gunju 2013

hegga, nuqqas ta' motivazzjoni u attenzjoni, kif ukoll il-pessimizu u n-negativita` huma prominenti hafna fl-affidavit tal-attrici.

Kemm waqt il-preparamenti tat-tieg, kif ukoll fil-gurnata taz-zwieg, l-attrici tirrakkonta kif ma kien ikollha aptit xejn u kif xejn ma kien iferraha. Ghalkemm tghid li kellha dubji serji fuq il-pass li kienet ser tiehu, hija kienet lesta tkompli ghaddejja b'kollox, milli tghaddi minn taqlib u tibdil li izjed seta` jkissirha. Lanqas fil-gurnata tat-tieg innifisha ma hassitha kuntenta, anzi tghid li din ma fissret xejn ghaliha. Wara z-zwieg, is-sitwazzjoni baqghet sejra ghall-aghar. Meta fl-ahhar hadet id-decizjoni li ttemm ir-relazzjoni u taqbad ir-riedni ta' hajjitha f'idejha, taghmel is-segwenti osservazzjoni: *"Kieku qabel izzewwigt kont niflah kif niflah illum, zgur illi kont intajjar kollox barra mit-tieqa u nhassar it-tieg, ghax dik kellha tkun id-decizjoni li sippost ittiehdet."* Pero` tirrikonoxxi li dak iz-zmien ma kellix is-sahha mentali u emotiva li tikkumbatti ghax kienet ilsiera tad-dipressjoni taghha stess.

Fl-isfond tax-xhieda dettaljata tal-attrici, kif ukoll konfortata bl-analizi klinika deskritta mill-psikjatra Jean Pierre Giorgio, din il-Qorti tirriskontra fl-attrici stat mentali disturbat li tassew ipprekludiha milli taghti kunsens validu ghaz-zwieg. Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi anke din il-kawzali giet ippruvata.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tal-attrici, tiddikjara z-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fis-7 ta' Gunju 2013, bhala null u bla effett fil-ligi billi il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat fit-termini tal-Artikolu 19 (1) (d ) u 19 (1) (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**